**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 243/00</u>***

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Raymond Borg***

Illum 11 ta' Jannar  2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tad-droga **<u>eroina</u>** u fl-ahhar granet qabel din id-data; u recidivita'

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat that is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikoli 49 u 50 Kap.9;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Victoria Grech ghal zmien tnax .il-xhar*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess..

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***